

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

16.1.2008

B6-0021/2008 }  
B6-0031/2008 }  
B6-0034/2008 }  
B6-0038/2008 }  
B6-0040/2008 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Thomas Mann, Edward McMillan-Scott, Charles Tannock, Laima Liucija Andrikiene, Bernd Posselt, Eija-Riitta Korhola, Tunne Kelam, Georg Jarzembowski u Avril Doyle, fisem il-Grupp PPE-DE
- Marco Cappato, Dirk Sterckx, István Szent-Iványi, Frédérique Ries, Marios Matsakis u Anneli Jäätteenmäki, fisem il-Grupp ALDE
- Adam Bielan, Hanna Foltyn-Kubicka, Ġirts Valdis Kristovskis u Marcin Libicki, fisem il-Grupp UEN
- Hélène Flautre, Helga Trüpel, Raül Romeva i Rueda, Eva Lichtenberger u Milan Horáček, fisem il-Grupp Verts/ALE
- Vittorio Agnoletto, fisem il-Grupp GUE/NGL

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- Verts/ALE (B6-0021/2008)
- GUE/NGL (B6-0031/2008)
- ALDE (B6-0034/2008)
- UEN (B6-0038/2008)
- PPE-DE (B6-0040/2008)

[dwar l-arrest tad-dissident Ċiniż Hu Jia](#)

RC\703658MT.doc

PE398.252v01-00}  
PE398.262v01-00}  
PE398.265v01-00}  
PE398.269v01-00}  
PE401.016v01-00} RC1

MT

MT

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-arrest tad-dissident Ċiniż Hu Jia

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' qabel dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina,
  - wara li kkunsidra l-aħħar żewġ sessjonijiet ta' Djalogu UE-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li saru f'Beijing fis-17 ta' Ottubru 2007 u f'Berlin fil-15-16 ta' Mejju 2007,
  - wara li kkunsidra s-seduta ta' smiġħ pubbliku li saret fis-26 ta' Novembru 2007 mis-Sotto-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem fiċ-Ċina fiż-żmien ta' preparazzjoni għal-Logħob Olimpiku,
  - wara li kkunsidra t-Tregwa Olimpika msejħa mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-31 ta' Ottubru 2007, li thegġegħ lill-istati membri tan-NU sabiex josservaw u jippromwovu l-paċi waqt il-logħob Olimpiku,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-promotur tad-drittijiet tal-bniedem Hu Jia ittieħed mill-pulizija mid-dar tiegħu f'Beijing fis-27 ta' Diċembru 2007 akkużat b'inċitament sovversiv,
- B. billi Hu Jia u l-mara tiegħu, Zeng Jinyan, tefgħu l-attenzjoni dwar l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina ta' dawn l-aħħar ftit snin u għaddew ħafna żmien arrestati f'darhom bħala riżultat tal-kampanji li għamlu,
- C. billi Hu Jia jinsab f'kundizzjoni ta' saħħa ħażina peress li qed isofri minn marda tal-fwied li ġġiegħlu jieħu l-mediċina,
- D. billi fl-2006 it-Time Magazine innomina lil Zeng Jinyan bħala waħda mill-mitt 'eroj' dinji u fl-2007, flimkien ma' Hu Jia, hi irċeviet il-Korrispondenti mingħajr Fruntieri, premju speċjali taċ-'Ċina' u nominazzjoni għall-Premju Sakharov,
- E. billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem iddikjaraw l-arrest bħala mossa oħra mill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jagħlqu ħalq il-kritiċi qabel il-Logħob Olimpiku ta' Beijing,
- F. billi 57 Intellettuali miċ-Ċina immedjatament ippubblikaw ittra miftuħa fejn sejħu għall-ħelsien immedjat ta' Hu Jia,
- G. billi l-President tal-Parlament Ewropew, fil-31 ta' Diċembru 2007, ippubblika stqarrija li fiha ammonixxa lill-awtoritajiet Ċiniżi għad-detenzjoni ta' Hu Jia u ħeġġiġhom sabiex jużaw il-Logħob li kien wasal biex isir bħala 'opportunità għaċ-Ċina sabiex turi li pajjiż li qed jospita l-avveniment sportiv l-aktar importanti fid-dinja hu impenjat sabiex fuq livell internazzjonali jirrikonoxxi l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertà ta' l-espressjoni',
1. Jikkundanna bil-qawwa d-detenzjoni ta' Hu Jia u jitlob il-ħelsien immedjat tiegħu u tad-dissidenti kollha li ġew arrestati u miżmuma l-ħabs fuq reati ta' opinjoni;

RC\703658MT.doc

PE398.252v01-00}  
PE398.262v01-00}  
PE398.265v01-00}  
PE398.269v01-00}  
PE401.016v01-00} RC1

2. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jiggarantixxu fiċ-ċirkustanzi kollha l-integrità fiżika u psikoloġika tas-Sur Hu Jia, tal-qraba tiegħu u ta' l-avukati tiegħu;
3. Jitlob liċ-Ċina sabiex tirrispetta l-impenji tagħha tad-drittijiet tal-bniedem u ta' l-istat tad-dritt, partikolarment id-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fid-9 ta' Diċembru 1998, billi ttemm it-turment tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Ċiniżi, ħalli turi l-impenn tagħha lejn id-drittijiet tal-bniedem fis-sena Olimpika tagħha;
4. Iħeġġeġ liċ-Ċina sabiex ma tużax il-Logħob Olimpiku bħala pretest biex tarresta u żżomm illegalment jew titfa' l-ħabs, dissidenti, ġurnalisti jew attivisti tad-drittijiet tal-bniedem li jew jirrapurtaw dwar jew jagħmlu dimostrazzjoni kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;
5. Itenni l-opinjoni tiegħu li t-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jirċievi ħafna aktar attenzjoni fiż-żmien ta' preparazzjoni lejn il-Logħob Olimpiku ta' Beijing u jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa għal 'rispett lejn il-prinċipji etiċi fundamentali universali' u l-promozzjoni ta' soċjetà paċifika li turi interess 'fil-preservazzjoni tad-dinjità tal-bniedem' kif imniżżla fl-Artikoli 1 u 2 tal-Karta Olimpika;
6. Iħeġġeġ liċ-Ċina sabiex tirriforma l-liġi kriminali tagħha ħalli tagħti aktar libertà ta' l-espressjoni lill-ġurnalisti, lill-kittieba, lill-freelancers, lill-korrispondenti eċċ., li se jirrapurtaw lid-dinja dwar avveniment daqstant importanti bħalma huwa l-Logħob Olimpiku: iqis li din ir-riforma se tagħmilha wkoll possibbli li jiġi ċċarat l-għan ta' wħud mid-dispożizzjonijiet li mhumiex ċari (per eż. l-Artikolu 105 tal-Kodiċi Kriminali taċ-Ċina) u tagħti lid-dinja sinjal pożittiv li s-17-il Kungress tas-CCP witta t-triq għal aktar rispett lejn opinjonijiet differenti;
7. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jippermettu lil Hu Jia u lid-dissidenti l-oħra kollha li jinsabu arrestati li jingħataw l-għajnuna medika li jeħtieġu, u li jżommu f'moħħhom li d-detenzjoni f'kundizzjonijiet mhux xierqa jstgħu jagħmlu ħsara lis-saħħa tagħhom;
8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jagħlqu l-hekk imsejħa 'ħabsijiet suwed', postijiet ta' detenzjoni li twaqqfu sabiex iżommu 'persuni li jaqilgħu l-inkwriet' fil-perjodu ta' qabel il-Logħob Olimpiku ta' din is-sena;
9. Jistieden lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jieħu azzjoni fir-rigward ta' l-awtoritajiet Ċiniżi dwar l-arrest ta' Hu Jia u dwar l-għajbien, fit-22 ta' Settembru 2007, ta' Gao Zhisheng, avukat magħruf tad-drittijiet tal-bniedem u ħabib ta' Hu Jia, li kien qed jirrappreżenta s-sitwazzjoni mwiegħra ta' eluf ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li attwalment jinsabu l-ħabs fiċ-Ċina;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi applikanti, lill-President u l-Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali.